**24 ta' April, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Dr. Rene Frendo Randon *noe*

*versus*

Albert Walter Salomone *noe et*

**Trade Mark**

*Iċ-ċaħda tar-reġistrazzjoni ta'* trade mark *mill-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali mhix imsejsa fuq il-kriterji ġenerali tal-Kap. 13, artikolu 32 imma fuq il-Kap. 29 magħruf bħala l-Ordinanza*

*dwar il-Protezzjoni ta' Proprjetà Industrijali.*

***Meta ċitazzjoni jkun fiha kawżali alternattivi u mhux ċert liema waħda minnhom hija l-kawżali li sejra tifforma l-bażi tal-kawża odjerna, il-konvenut lanqas jista' jammetti t-talba. Lanqas m'hi l-kompitu tal-Qorti li tagħżel liema hija l-azzjoni li kellu jittanta l-attur.***

Il-Qorti:-

B'ċitazzjoni tiegħu, l-appellanti *nomine*, wara li ppremetta:

"Illi l-kumpannija konvenuta Paco Wholesale Limited, talbet ir-reġistrazzjoni f'Malta tat-*trade mark* konsistenti fil-kliem PACO LIFE IN COLOUR kif riprodotta fl-avviż għar-rigward ta' *clothing, footwear and headgear, produced by them and of their trade,* liema applikazzjoni ġġib in-numru 23025 kif jidher mill-avviż tal-Gazzetta tal-Gvern ta' l-4 ta' Lulju, 1994 (dok. A);

U illi d-ditta konvenuta kellha tirrinunzja (*disclaimer*) għal kliem LIFE IN COLOUR u b'hekk tista' tuża' unikament il-kelma PACO jekk dina tiġi rreġistrata bħala *trade mark*;

Illi l-attur *nomine* fis-7 ta' Ottubru, 1995 għamel opposizzjoni għat-talba fuq imsemmija b'att li vera kopja tiegħu qiegħda hawn annessa, dok. C, u dan kif jidher mill-istess dokument għar-raġunijiet segwenti:

Is-soċjetà attriċi għandha reġistrata hawn Malta t-*trade mark* PACO RABANNE nru. 14137 għar-rigward ta' prodotti fi klassi 3, u hemm possibilità ta' konfużjoni bejn il-prodotti fi klassi 3 u dawk fi klassi 25 rigward it-*trade mark* li s-soċjetà konvenuta għamlet applikazzjoni, għaliex il-prodotti fiż-żewġ

klassijiet huma prodotti ta' lussu;

L-isem PACO RABANNE huwa isem kummerċjali u huwa ukoll l-isem tas-soċjetà attriċi u liema isem ilu ħafna snin fuq is-suq magħruf mad-dinja kollha u l-kliem PACO RABANNE huma t-*trade mark* tagħha;

Il-fama u ċ-ċelebrità ta' PACO RABANNE huma *magħrufa kullimkien u dana l-isem akkwista reputazzjoni* internazzjonali;

Is-soċjetà attriċi tisvolġi u teżerċita negozju kbira bl-isem PACO RABANNE mad-dinja kollha u dana l-isem akkwista avvjament internazzjonali;

Persuna jew kumpannija ma tistax tuża l-isem kummerċjali ta' soċjetà li tkun ilha teżisti biex tispiċċa u tbigħ prodotti tagħha bl-isem tas-soċjetà attriċi u b'hekk tisvija u tikkrea konfużjoni fil-konsumatur;

PACO RABANNE huwa magħruf mad-dinja kollha. Is-soċjetà attriċi tisvolġi u teżerċita negozju kbir fil-kamp tal-ħwejjeġ ta' l-alta moda u ċjoè dik li jsejħulha (*high fashion* jew *haute coutier*) fil-kamp tal-kosmetiċi u prodotti simili;

PACO RABANNE huwa disinjatur Franċiż (*fashion designer*) u jgawdi fama internazzjonali u dan l-isem tas-soċjetà attriċi sar distintiv tagħha. Kwindi għandha dritt għall-protezzjoni ta' dawn il-kliem;

Illi l-kumpannija konvenuta għamlet kontro dikjarazzjoni li biha kkontestat l-att ta' opposizzjoni fuq imsemmi u dina l-kontro dikjarazzjoni (dok. C) ġiet innotifikata lill-attur *nomine*

b'ittra tal-konvenuta l-ieħor il-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali (dok. D);

Illi l-attur *nomine* għandu interess li jinsisti fl-opposizzjoni tiegħu stante li jirritjeni li hija ġusta minħabba: (a) primarjament l-użu mhux awtorizzat da parti tal-konvenut *nomine* ta' l-isem tad-ditta attriċi; u (b) sekondarjament li ġà hemm reġistrat fl-isem tas-soċjetà attriċi hawn Malta l-marka PACO RABANNE nru. 1437 li jista' jikkrea konfużjoni għax hemm similarità stante l-prodotti tal-klassi 3 u tal-klassi 25 huma ta' lussu; (ċ) il-kelma PACO hija kelma distintiva appartenenti lis-soċjetà attriċi; (d) u l-unika kelma distintiva fl-applikazzjoni tas-soċjetà konvenuta għar-reġistrazzjoni tat-*trade mark* 23025 hija PACO minħabba d-*disclaimer* LIFE IN COLOUR; (e) u l-possibilità tal-konfużjoni bejn żewġ ismijiet bi preġudizzju gravi ta' l-interessi ta' l-attur *nomine*;

Illi dan l-aġir tas-soċjetà konvenuta li jagħmel użu minn isem appartenenti lis-soċjetà attriċi u peress illi l-kelma PACO tikkrea konfużjoni ma' dik is-soċjetà konvenuta, trid tirreġistra, u dan jikkostitwixxi att ta' konkorrenza żleali skond l-artikolu 32, Kap. 13, tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Talab dik il-Qorti għar-raġunijiet premessi:

Tiddikjara li l-użu tal-kelma PACO LIFE IN COLOUR jikkostitwixxi att ta' konkorrenza żleali a tenur ta' l-artikolu 32, Kap. 13 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

U konsegwentement, tordna li tiġi miċħuda t-talba fuq imsemmija tas-soċjetà konvenuta għar-reġistrazzjoni tat-*trade mark* konsistenti fil-kelma PACO LIFE IN COLOUR (*trade mark application no. 23025*);

Bl-*ispejjeż* kollha kontra l-kumpannija konvenuta";

Il-konvenut Albert Walter Salomone *nomine* eċċepixxa:

"Preliminarjament l-azzjoni attriċi kif promossa hija rritwali stante illi l-attur ma jistax jippromwovi azzjoni a bażi ta' l-artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ in relazzjoni ma' allegat att ta' konkorrenza żleali u fl-istess waqt jitlob iċ-ċaħda tat-talba magħmula mis-soċjetà Paco Wholesale Limited għar-reġistrazzjoni tal-marka msemmija fiċ-ċitazzjoni a bażi tad-*disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni* tal-Proprjetà Industrijali u dan billi ż-żewġ azzjonijiet kemm fin-natura u kemm fl-effett huma distinti u separati. Di più l-attur meta jittenta azzjoni jrid jagħżel triq waħda u ma jistax jippoża fuq żewġ azzjonijiet distinti u jħalli lill-Qorti tagħżel u tapplika dik korretta;

*Fil-meritu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet* attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur *nomine* peress li:

Kull ma għamlet is-soċjetà konvenuta Paco Wholesale Limited - kif allegat u aċċettat fl-istess ċitazzjoni - kien li titlob reġistrazzjoni u *trade mark*, ċertament dan l-att ma jistax jiġi kkunsidrat bħala li jikkostitwixxi att ta' konkorrenza żleali kif prospettat f'artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

*Di più s-soċjetà attriċi hija soċjetà li f'Malta tinnegozja fl-*ambitu tal-profumerija femminili u maskili filwaqt li l-ġeneru li fih tinnegozja s-soċjetà konvenuta Paco Wholesale Limited huwa dak ta' l-abbiljament u żraben sabiex għalhekk lanqas tista' treġġi t-teżi tal-konkorrenza żleali;

Kwantu għat-talba għar-reġistrazzjoni tal-marka numru

23025 - PACO LIFE IN COLOUR, m'hemm ebda raġuni valida għat-tenur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali l'għala għandu jkun hemm ċaħda tat-talba għar-reġistrazzjoni tenut kont tal-fatt li t-talba tas-soċjetà Paco Wholesale Limited saret sabiex tkopri l-oġġetti *fi klassi 25 tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta' l-Oġġetti* filwaqt li r-reġistrazzjoni tas-soċjetà attriċi tkopri l-oġġetti fi klassi 3 ta' l-istess klassifikazzjoni, klassijiet li għall-finijiet ta' l-Ordinanza huma distinti u separati;

Il-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali eċċepixxa:

"Illi l-presenza tiegħu hija meħtieġa biss għall-integrità tal-ġudizzju u li għalhekk l-eċċipjenti jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talba attriċi, salv però li jkunu l-aħjar skond il-liġi;

Illi l-eċċipjenti m'għandux ibati spejjeż;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri";

B'sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla tad-29 ta' Mejju, 1996, il-Qorti akkoljiet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Albert Walter Salomone *nomine* billi ddikjarat nulla ċ-ċitazzjoni u konsegwentement illiberat il-konvenut *nomine* mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attur *nomine*;

L-attur *nomine* ħassu aggravat b'din is-sentenza u ntavola appell minnha fuq l-aggravju illi s-sentenza appellata hija nieqsa għal kollox mil-loġiċità, stante illi:

"Il-bażi ta' dak li ġie deċiż l-Ewwel Onorabbli Qorti sabitha fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-15

ta' Frar, 1995, **Avukat Dr. Pio Valletta** ***nomine vs*** **Peter Muscat Scerri** ***noe et.*** F'dik is-sentenza saret korrettement distinzjoni bejn l-azzjoni li għandu negozjant kontra min jikkonkorri żlealment fin-negozju skond dak li hemm maħsub fil-Kodiċi tal-Kummerċ, u l-azzjoni li jkollu negozjant kontra dik il-persuna li tivvjolalu d-drittijiet ta' protezzjoni jekk huwa jkun irreġistra ċerti drittijiet ta' proprjetà industrijali skond dak li hemm maħsub fil-Kap. 29 li kienet tissejjaħ l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni ta' Proprjetà Industrijali. Għalhekk huwa ultra milli korrett li jingħad li dawn iż-żewġ liġijiet joħolqu żewġ drittijiet ta' azzjoni, żewġ azzjonijiet. U billi dawn fil-prattika jiġu ta' spiss konfużi, din l-Onorabbli Qorti ġustament iddistingwithom u dderiġiet biex ma jiġux konfużi. Dejjem però fuq iż-żewġ azzjonijiet;

Issa s-sentenza appellata wara li tgħid dan, imbagħad, fil-paragrafu li immedjatament isegwi tkompli:

"Fil-liġi tal-proċedura hu meħtieġ li l-kawżali tkun espressa fiċ-ċitazzjoni b'mod ċar u sewwa. Dan ir-rekwiżit hu neċessarju fl-interess tal-kontro-parti biex din tkun tista' tiddefendi ruħha. Meta ċitazzjoni jkun fiha kawżali alternattivi u mhux ċert liema waħda minnhom hija l-kawżali li sejra tifforma l-bażi ta' l-azzjoni odjerna, dan iġib sitwazzjoni fejn konvenut lanqas ma jkun jista' jammetti t-talba għax il-konvenut ma jkunx jista' jagħżel il-kawżali li jidhirlu hu. Lanqas mhu l-kompitu tal-Qorti li tagħżel liema hija l-azzjoni li kellu jittenta l-attur. Dan juri ċar li l-kawża kif ġiet intavolata hija insostenibbli billi *ab initio* la setgħet tipproċedi u lanqas setgħet tiġi ammessa";

Sfortunatament, kif intqal, manifestament, is-sentenza appellata tħallat dak li hija kawżali ma' dik li hija azzjoni. Ma tiddistingwix waħda mill-oħra. Il-pluralità ta' kawżali f'rikors

jew f'ċitazzjoni jwassluha għall-konklużjoni verament sorprendenti illi billi jkun hemm aktar minn kawżali waħda "il-konvenut lanqas ma jkun jista' jammetti t-talba għax il-konvenut ma jkunx jista' jagħżel il-kawża li jidhirlu hu." Għaliex? Mhux liberu l-konvenut li jammetti t-talba għar-raġunijiet li jidhirlu hu, u jgħidhom? L-esponenti ma jistax ma jikkonfessax li ma jarax li dan ir-raġunament huwa verament għal kollox barra minn kull loġika. U kif jidher mill-aħħar paragrafu konklussiv tas-sentenza, hawn kwotata, hija din il-konsiderazzjoni li għall-ewwel hija l-konsiderazzjoni deċiżiva għall-Qorti;

Illi l-azzjoni eżerċitata f'din il-kawża hija sempliċi. Hija azzjoni sabiex il-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali ma jirreġistrax il-marka Paco Life in Colour u dan bħala konsegwenza tal-fatt illi l-użu ta' dawk il-kliem jikkostitwixxi att ta' konkorrenza żleali. Huma elf l-azzjonijiet ġudizzjarji li jitolbu, fl-ewwel lok, dikjarazzjoni (per eżempju, fil-kolliżjonijiet awtomobilistiċi ta' ħtija, negliġenza *et similia*), u imbagħad jitolbu konsegwenzjalment, il-kundanna għal xi ħaġa. Fuq dak li argumentat is-sentenza, il-konvenut seta' faċilment jagħmel nota fejn jobbliga ruħu li jirtira t-talba għar-reġistrazzjoni fl-istess waqt jirrispinġi kull pretensjoni li l-użu tal-kliem imsemmi, da parti tiegħu, kien se jikkostitwixxi konkorrenza żleali. Altru li kien possibbli ammissjoni tat-talba ta' l-attur, anke jekk din kienet tkun ammissjoni apparentement parzjali. Għaliex it-talba hija għal ġustifikazzjoni ta' l-opposizzjoni għar-reġistrazzjoni;

Illi r-referenza għas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-15 ta' Frar, 1995 hija għal kollox barra minn lokha - għal dak li fehmet erronjament l-Ewwel Onorabbli Qorti. Però la rreferiet għaliha allura dik is-sentenza missha nduċiet il-Qorti li jsegwiha tassew, għaliex proprju f'dik iċ-ċitazzjoni ukoll, l-attur, bħala kawżali għall-opposizzjoni tiegħu kontra r-reġistrazzjoni tal-

marka "Muppets" qal: "Fuq kollox l-użu tal-marka Muppets mill-konvenut *nomine* tikkreja konfużjoni fl-imħuħ tal-konsumaturi u speċjalment fl-imħuħ tat-tfal ..." kif ukoll "... barra li qiegħed jikkrea konfużjoni u jqarraq bil-konsumatur bl-użu tal-marka "Muppets"". Dan kollu qiegħed f'dik il-kawża, iżda ma ħoloq ebda diffikultà la għall-Qorti ta' l-ewwel istanza u wisq anqas għal din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li mhux biss ma rmietx il-kawża fuq il-bażi tad-distinzjonijiet li hija nsistiet fuqhom iżda anzi rrevokat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti proprju għaliex anke jekk il-kawżali tal-konkorrenza ma ġietx akkolta, xorta waħda, fuq bażi u kawżali oħra, l-opposizzjoni għar-reġistrazzjoni li talbet iċ-ċitazzjoni ġiet milqugħa";

Għaldaqstant l-attur *nomine* talab illi s-sentenza appellata tiġi revokata u l-atti jerġgħu jintbagħtu quddiem il-Qorti ta' l-ewwel istanza biex il-kawża tieħu kors normali tagħha;

Bl-ispejjeż;

L-appellat konvenut Albert W. Salomone *nomine* wieġeb illi l-appell interpost mill-attur *nomine* għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, prevja l-konferma ta' l-imsemmija sentenza, għar-raġunijiet segwenti:

"Dak li qiegħed jipprova jgħid l-attur appellant *nomine* fl-appell tiegħu, u ċjoè illi l-Ewwel Qorti qiegħda tħallat il-kawżali ma' l-azzjoni mhuwiex minnu. Għal kuntrarju minn dak li jkompli jgħid l-attur appellant *nomine* fil-petizzjoni tiegħu, jidher illi huwa l-attur appellant *nomine* li mhux qiegħed jifhem b'mod ċar id-differenza u d-distinzjoni bejn kawżali u azzjoni. Il-kawżali hija l-*causa petendi* u ċjoè r-raġuni u l-kawża tad-domanda (*petitum*). L-azzjoni hija l-fonti u s-sors tad-dritt ta' persuna interessata li tagħmel domanda skond it-termini ta' l-azzjoni jekk teżisti il-*causa petendi* u ċjoè r-raġuni skond id-

dritt ta' l-azzjoni għad-domanda. Issa dak li qiegħda tgħid l-Ewwel Qorti huma illi meta ċitazzjoni tikkontjeni kawżali *alternattivi u ċjoè raġunijiet u kawżi għall-attivar ta' azzjonijiet* diversi, dan iġib stat ta' konfużjoni proċedurali u sostantiv, b'mod tali illi la d-difiża u wisq aktar il-Qorti ma tkun tista' tidentifika l-veru dritt ta' azzjoni li l-attur ikun qiegħed jikkjama. Dan l-istat ta' konfużjoni ċertament il-liġi proċedurali ma tridux. Ma jistax jippretendi l-attur appellant *nomine* illi l-Qorti tagħżel hija liema huwa d-dritt ta' azzjoni applikabbli għall-fatti in kwistjoni u allura liema huma l-kawżali u d-domandi applikabbli;

L-azzjoni kontra l-konkorrenza żleali kif prevista f'artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ għandha tkun motivata minn ċirkostanzi fejn jippersistu l-elementi ta' konkorrenza *dikjarati fl-imsemmi artikolu 32, filwaqt illi l-azzjoni għaċ-ċaħda* ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' marka kif prevista f'artikolu 88 (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali għandha tkun motivata minn ċirkostanzi fejn jippersistu l-elementi ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' marka, l-opposizzjoni għar-reġistrazzjoni u l-kontro-dikjarazzjoni għall-opposizzjoni. Iċ-ċirkostanzi u l-elementi rispettivi għal kull waħda miż-żewġ azzjonijiet huma fondamentalment differenti u l-effett ta' kull azzjoni huma *differenti ukoll, kif del resto huma l-kawżali u d-domandi;*

Fil-każ odjern kollox jindika illi l-kawża ntentata mill-attur appellant *nomine* kellha ssegwi l-fil ta' l-azzjoni prevista f'artikolu 88 (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali għad illi dak li mmotiva l-kawża kienet essenzjalment l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-marka numru 23052 - Paco Life in Colour. Tant huwa hekk illi l-attur appellant *nomine* kien għamel talba għall-opposizzjoni ta' l-*applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-marka numru 23052 a* tenur ta' l-artikolu 88 (1) ta' l-Ordinanza, il-konvenut appellat

*nomine* kien issottometta l-kontro-dikjarazzjoni tiegħu għall-opposizzjoni magħmula mill-attur appellant *nomine* a tenur ta' l-imsemmi artikolu 88 (1) u l-attur appellant *nomine* kellu fi żmien xahrejn minn meta rċieva l-kontro-dikjarazzjoni jagħmel kawża biex jitlob ċaħda tat-talba għar-reġistrazzjoni. Flok segwa dan il-kors sempliċi, l-attur appellant *nomine*, ippreżenta ċitazzjoni fejn talab illi jiġi ddikjarat illi l-użu tal-kelma "Paco Colour in Life" jikkostitwixxi att ta' konkorrenza żleali a tenur ta' l-artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ u kontestwalment talab lill-Qorti tordna li tiġi miċħuda t-talba għar-reġistrazzjoni tal-marka numru 23025 Paco Life in Colour. Il-konfużjoni bejn il-kawżali u d-domandi u allura bejn l-azzjonijiet fiċ-ċitazzjoni ta' l-attur appellant *nomine* huwa pależ u ovvju. Domanda waħda qed issir a tenur ta' l-artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ u d-domanda l-oħra li suppost issegwi u hija konsegwenzjali għal dik ta' qabilha qed issir u ta' bilfors hekk trid issir - għad illi l-azzjoni kontra konkorrenza żleali ma tipprevedix u lanqas tista' tipprevedi in vista tan-natura tagħha ċ-ċaħda ta' talba għar-reġistrazzjoni ta' marka - a tenur ta' l-artikolu 88 (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali;

Ma jistax ikun illi ċ-ċitazzjoni kif ifformulata tiġi aċċettata u għamlet tajjeb l-Ewwel Qorti illi lliberat lill-konvenut appellat *nomine* mill-osservanza tal-ġudizzju";

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' dana l-appell, din il-Qorti issa sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

Din il-kawża tikkonċerna punt ta' proċedura legali rigwardanti kawża istitwita mill-attur appellant dwar allegata konkorrenza żleali, in bażi ta' liema l-attur talab li tiġi miċħuda talba li saret mis-soċjetà konvenuta appellata sabiex tiġi rreġistrata *trade mark* bl-isem ta' PACO LIFE IN COLOUR

mal-ko-konvenut appellat, u ċjoè, il-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali;

*Riferibbilment għas-sentenza appellata, l-appellant nomine* ssottometta li din "hija nieqsa għal kollox mil-loġiċità" u dan ukoll billi s-sentenza appellata tħallat "dik li hija kawżali ma' dik li hija azzjoni". Saret referenza għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti ta' l-Appell, kif diversament ippresjeduta, mogħtija fil-15 ta' Frar, 1995 fil-kawża fl-ismijiet **Avukat Dottor P.M. Valletta *noe vs* P. Muscat Scerri *nomine***, li għalkemm ma kinitx laqgħet il-kawżali tal-konkorrenza żleali, jissottometti l-appellant, "mhux biss ma rmietx il-kawża fuq il-bażi tad-distinzjonijiet li hija insistiet fuqhom iżda anke rrevokat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti proprju għaliex anke jekk il-kawżali tal-konkorrenza ma ġietx akkolta, xorta waħda, fuq bażi u kawżali oħra l-opposizzjoni għar-reġistrazzjoni ġiet milqugħa";

L-appellat *nomine* baqa' jsostni min-naħa tiegħu li ċ-ċitazzjoni ta' l-attur appellant, kif dedotta, tagħti lok għal żewġ azzjonijiet li huma "fondamentalment differenti" minn xulxin u li "l-effett ta' kull azzjoni huwa differenti ukoll, kif del resto huma l-kawżali u d-domandi";

Din il-Qorti kkunsidrat il-punti legali involuti, fid-dawl tas-sottomissjonijiet li sarulha, u hija tal-fehma li hekk hemm tassew nuqqas "għal kollox mil-loġiċità" kif ġie sottomess mill-appellant *nomine* b'tant elokwenza deskrittiva fir-rikors ta' l-appell tiegħu, tali nuqqas ma jinsabx fis-sentenza appellata imma proprju fl-istess rikors ta' appell. Dan għaliex m'hemm ebda dubbju li fl-att taċ-ċitazzjoni, indipendentement mill-meritu proprju in kawża, jidher evidenti li kemm fil-kawżali kif ukoll fid-domandi l-attur appellant ħallat żewġ azzjonijiet ma' xulxin meta dan proċeduralment ma setax jagħmlu. Mhuwiex eskluż li bl-inklużjoni ta' numru ta' kawżali u premessi fl-att

taċ-ċitazzjoni, ankorkè dawn jistgħu jwasslu għal aktar minn azzjoni waħda, b'dan il-att ma jwassalx bilfors għan-nullità taċ-ċitazzjoni. Imma meta tali ambivalenza timmanifesta ruħha ukoll fit-talbiet, allura l-każ huwa differenti sew;

Din il-Qorti eżaminat id-deċiżjoni **Avukat Dr. P. Valletta** ***nomine vs*** **P. Muscat Scerri** ***noe et*** (Qorti ta' l-Appell tal-15 ta' Frar, 1995, issurreferita) u sabet li f'dik il-kawża t-talba attriċi kienet waħda u ċjoè dik li:

"għar-raġunijiet premessi din il-Qorti tiċħad it-talba fuq imsemmija tas-soċjetà konvenuta Rimus Riley Limited għar-reġistrazzjoni tat-*trade mark 17729* konsistenti fil-kelma MUPPETS";

Fil-kawża in eżami, invece, l-attur appellant avanza żewġ talbiet, jiġifieri:

Li (il-Qorti) tiddikjara li l-użu tal-kelma PACO LIFE IN COLOUR jikkostitwixxi att ta' konkorrenza żleali a tenur ta' l-artikolu 32 tal-Kap. 13 tal-Kodiċi tal-Kummerċ; u

Konsegwentement tordna li tiġi miċħuda t-talba fuq imsemmija tas-soċjetà konvenuta għar-registrazzjoni tat-*trade mark* ..." (sottolinear tal-Qorti);

Jiġi rrilevat li għalkemm it-tieni talba ġiet avvanzata bħala waħda "konsegwenzjali" għall-ewwel talba, din proċeduralment ma tistax treġġi għas-sempliċi raġuni li ċ-ċaħda o meno tar-reġistrazzjoni ta' *trade mark* da parti tal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali, meta hemm opposizzjoni għaliha minn terz interessat, kif inhu dan il-każ, mhijiex imsejsa fuq il-kriterji ġenerali li jinsabu fl-artikolu 32 tal-Kap. 13 imma fuq liġi oħra speċjali u ċjoè l-Kap. 29 tal-Liġijiet ta' Malta magħruf ukoll

bħala l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni ta' Proprjetà Industrijali, li għandha a sua volta kriterji partikolari għaliha. Allura jsegwi, kif ġustament irriteniet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata li:

"*meta ċitazzjoni jkun fiha kawżali alternattivi u mhux ċert liema waħda minnhom hija l-kawżali li sejra tifforma l-bażi ta'* l-azzjoni odjerna, dan iġib sitwazzjoni fejn konvenut lanqas ma jkun jista' jammetti t-talba għax il-konvenut ma jkunx jista' jagħżel il-kawżali hi. Lanqas mhu l-kompitu tal-Qorti li tagħżel liema hija l-azzjoni li kellu jittenta l-attur";

Fil-fatt, fil-każ in eżami hemm iżjed minn hekk għaliex <u>it-talbiet ukoll jikkonfondu azzjoni ma' oħra</u> bħallikieku dawn iwasslu għal rimedju wieħed, meta dan mhux hekk għaliex it-tnejn huma distinti l-waħda mill-oħra. Kif anzi ġie ritenut fid-deċiżjoni **Valleta** ***nomine vs*** **Muscat Scerri** ***nomine*** surreferita:

"Huwa l-istess artikolu 32 li mill-ewwel jiżganċja ruħu mill-Ordinanza dwar il-Protezzjoni ta' Proprjetà Industrijali billi l-artikolu stess jgħid li l-azzjoni li tispetta lil persuna skond dan l-artikolu mhuwiex marbut mal-fatt ta' reġistrazzjoni";

Isegwi għalhekk li mhux leċitu li tgħaqqad jew tikkonfondi azzjoni ma' oħra għax kif żiedet telabora l-istess deċiżjoni;

"L-iskop ta' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni ta' Proprjetà Industrijali, Kapitolu 29, huwa differenti";

Meta l-posizzjoni hija tali, jirriżulta kjarament li l-proċedura ta' l-attur kienet waħda, rrita u nulla - u l-Ewwel Qorti kien proprju dan li ġustament kkonkludiet;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija fil-kawża fl-ismijiet premessi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Mejju, 1996, tiċħad l-appell ta' l-attur *nomine* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.